31997R1390

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru. 1390/97

tat-18 ta' Lulju 1997

li jemenda Regolament (KE) Nru. 1091/94 li jistabbilixi ċerti regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 3528/86 dwar il-protezzjoni tal-foresti kontra tniġġiż atmosferiku

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 3528/86 tas-17 ta' Novembru 1986 dwar il-protezzjoni tal-foresti tal-Komunità kontra tniġġiz atmosferiku [1], kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru. 307/97 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) tiegħu,

Billi, skond it-tielet inċiż ta' l-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3528/86, l-iskop ta' l-iskema tal-Komunità hija li tgħin l-Istati Membri biex jagħmlu sorveljanza ntensiva u kontinwa ta' sistemi ekoloġiċi tal-foresti fil-postijiet permanenti ta' osservazzjoni;

Billi, skond l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KEE) Nru. 3528/86 l-Istati Membri għandhom jibgħatu lill-Kummisjoni d-*data* miġbura minn *network* tal-postijiet permanenti ta' osservazzjoni għal sorveljanza intensiva u kontinwa;

Billi din n-*network* ġiet installata mill-Istati Membri skond l-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1091/94 [3], kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru. 690/95 [4]; billi l-metodoloġija komuni u l-format għas-sottomissjoni ta' *data* għall-inventarju kontinwu tal-kondizzjoni tal-qurriegħa, l-inventarju tal-ħamrija u l-kondizzjoni tal-weraq, żieda u deposizzjoni fil-miżuri u osservazzjonijiet meteoroloġiċi ġew stabbiliti fl-Annessi III sa IX tar-Regolament (KE) Nru. 1091/94

Billi r-riżultati tal-ġbir u l-analiżi tas-soluzzjoni tal-ħamrija huma diġa miġburin u l-metodoloġija komuni u l-format tad-*data* sottomessa jridu jiżdiedu mar-Regolament (KE) Nru. 1091/94;

Billi r-riżultati tal-osservazzjonijiet dwar postijiet permanenti ta' osservazzjoni għas-sorvelljanza kontinwa tas-sistemi ekoloġiċi tal-foresti iridu jingħataw lil Kummissjoni kull sena;

Billi il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Forestrija,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

REGOLAMENT (KE) Nru. 1091/94 qed jiġi emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 1(2) huwa mibdul b'dan li ġej:

"2. Dwar postijiet permanenti ta' osservazzjoni għanda ssir sorveljanza ntensiva u kontinwa tas-sistemi ekoloġiċi tal-foresti. Din tinkludi inventarju kontinwu tal-kondizzjoni tal-qurriegħa, inventarju ta' ħamrija u kundizzjoni tal-weraq u miżuri dwar tibdil fiż-żieda, rata ta' deposizzjoni, meteoroloġija u kampjuni ta' soluzzjonijiet ta' ħamrija u analiżi skond il-metodi ta' kampjuni oġġettivi u eżaminati skond metodi stabiliti."

2. L-Artikolu 1(3) huwa mibdul b'dan li ġej:

"3. Stati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni f'formoli *standard* qabel l-aħħar ta' kull sena ta' l-inqas id-*data* kollha mkejlha matul is-sena ta' qabel għall kull post permanenti ta' osservazzjoni kif speċifikat fl-Anness VIIa flimkien ma' *data* mar-rapport kif speċifikat fl-Aness VIIb. Addizzjonalment, rapport annwali tal-progress dwar evalwazzjonijiet u interpretazzjonijiet tar-riżultati li saru fil-livell nazzjonali għandhom jiġu mgħoddija lill-Kummissjoni qabel il-31 ta' Diċembru ta' kull sena kif speċifikat fl-Anness - VIIb."

3. L-Artikolu 1(4) huwa mibdul b'dan li ġej:

"4. Dettalji tekniċi huma mniżżlin fl-Annessi III sa X."

4. Fl-Artikolu 2(1) l-inċiż li ġej hu miżjud wara l-aħħar inċiż:

"— biex issiru kampjuni u analiżi tas-soluzzjoni tal-ħamrija."

[1] ĠU L 326, 21 11. 1986, p. 2
[2] ĠU L 51, 21 2. 1997, p. 9
[3] ĠU L 125, 18 5. 1994, p. 1
[4] ĠU L 71, 31 3. 1995, p. 25

5. L-Anness II, formoli 2a u 2b, huma mibdula bl-Anness I ta' dan ir-Regolament.
6. L-Anness III huwa emendat skond l-Anness II ta' dan ir-Regolament.
7. L-Anness VIIa huwa emendat skond l-Anness III ta' dan ir-Regolament.
8. L-Anness VIIb hu mibdul b'l-Anness IV ta' dan ir-Regolament.
9. L-Anness V ta' dan ir-Regolament hu miżjud bħala l-Anness X

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-18 ta' Lulju 1997.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Formoli 2a u 2b ta' l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru. 1091/94 huma mibdula b'dawn il-formoli li ġejjin:

Formola 2a

QSIM TAL-ISPEJJEŻ U FFINANZJAR PROPOST *(sorveljanza intensiva)*

Miżura	Numru ta' postijiet tas-Sorveljanza Intensiva	Qsim ta' l-ispejjeż					Spejjeż totali (1)	Parteċipazzjoni mhix tal-Komunità				Għajnuna mitluba (1)
		Impjegati (1)	Tagħmir (1)	Materjal (1)	Vjaġġar (1)	Oħra (1)		Stat (1)	Reġjun (1)	Fondi pubbliċi oħra (1)	Privat (1)	
Biex tistalla u żżomm postijiet tas-sorveljanza ntensiva												
Biex tistabbilixxi u tesegwixxi inventorju tal-kondizzjoni tal-qurriegħa												
Biex tistabbilixxi u tesegwixxi inventorju tal-kondizzjoni tal-ħamrija tal-foresta												
Biex tistabbilixxi u tesegwixxi stħarriġ tal-kontenut kemikali ġewwa l-labar u l-weraq												
Biex tistabbilixxi u tesegwixxi miżuri ta' bidla fiż-żieda												
Biex tistabbilixxi u tesegwixxi deposizzjoni ta' sorveljanza												
Biex tistabbilixxi u tesegwixxi soluzzjoni ta' sorveljanza tal-ħamrija												
Biex tistabbilixxi u tesegwixxi sorveljanza meteoroloġika												
Biex tapplika tekniċi fotografiċi mill-ajru (2)												
Ġestjoni integrata tad-data u evalwazzjoni tad-data												

(1) Fil-munita nazzjonali.
(2) Referenza hi maħmula għall-manwal dwar Applikazzjonijiet ta' *Sensing* Remoti editjati mill-Kummissjoni Ewropea.

Formola 2b

PJAN GĦAL QUDDIEM GĦALL-EŻEKUZZJONI TAL-PROĠETT

(trid tiġi kompluta għall kull proposta ta' proġett)

Miżuri	Sena	199.												199.												199.											
	Xhur	J	F	M	A	M	Ġ	L	A	S	O	N	D	J	F	M	A	M	Ġ	L	A	S	O	N	D	J	F	M	A	M	Ġ	L	A	S	O	N	D
1																																					
2																																					
3																																					
4																																					
5																																					
6																																					
7																																					
8																																					
9																																					
10																																					

ANNESS II

Annes III tar-Regolamant (KE) Nru. 1091/94 huwa emendat kif ġej:

— Paragrafu II.3 ta' l-Annes III huwa mibdul bil-paragrafu li ġej:

"II.3 *Sfond Ġenerali ta' Informazzjoni*

L-informazzjoni li ġejja dwar il-post u s-siġra għandhom jinġabru:

— numru tal-post,

— kxif,

— numru tas-siġra,

— informazzjoni dwar tneħħija u mortalità,

— speċi tas-siġra,

— klassi soċjali,

— kulur tal-qurriegħa

— viżibilità,

u d-data ta' l-istima."

— Għall-paragrafi II.4 (1), is-sentenzi li ġejjin ser jiżdiedu:

"Siġra b'telf ta' weraq bejn il-95 % u l-100 %, li għadha ħajja, tiġi mogħtija l-punteġġ ta' 99. Il-punteġġ 100 huwa miżmum għall-siġar mejtin."

— Paragrafu II.5 huwa numerat mill-ġdid II.6 u l-paragrafu ġdid li ġej huwa miżjud:

"II.5 *Metodi*

Fis-submanwal ta' l-istima viżwali tal-kondizzjoni tas-siġra u l-postijiet ta' sorveljanza ntensivi (Foresti ICP) dettalji addizzjonali dwar l-għażla ta' siġar u esekuzzjoni ta' l-istimi huma stabbiliti. Barra minn dan, is-submanwal jinkludi informazzjoni teknika dwar il-parametri addizjonali li jridu jiġu stmati kif ukoll dwar s-sottomissjoni ta' dawn il-parametri. Huwa rakkomandat li jiġu segwiti d-dettalji tekniċi stabbiliti f'dan is-submanwal u li jiġu sottomessi fuq bażi fakultattiva r-riżultati ta' l-istimi tal-parametri ta' għażla lill-Kummissjoni billi jiġu applikati d-dettalji relevanti tas-submanwal."

ANNESS III

L-Anness VIIa tar-Regolament (KE) Nru 1091/94 qed jiżdied b'dan li ġej:

— Ma' paragrafu 1 (Rivista ta' l-ismijiet tal-fajl għal kull spezzjoni) qed jiżdied b'dan li ġej:

Stima	L-Anness	Frekwenza	Isem (ismijiet) tal-fajl
"Soluzzjoni tal-ħamrija	X	Kontinwa	XX1996.PSS,XX1996.SSM,XX1996.SSO"

— u l-aħħar subparagrafu hu mibdul bi:

"Kull isem tal-fajl jikkonsisti f'kodiċi tal-pajjiż b'żewġ ittri (rappreżentati b'XX fil-lista ta' ismijiet tal-fajls) segwiti bis-sena ta' stima (per eżempju 1996) jew ĠENER meta l-informazzjoni tingħata darba biss, il-punt (.) u kodiċi ta' tlett ittri fl-estensjoni Dan il-kodiċi bi tlett ittri għall-fajls tal-post jikkonsisti fl-ittri PL (jew P) u l-ewwel ittra jew ittri tal-istima Ħamrija, Weraq, Żieda, Deposizzjoni, Meteoroloġija u Soluzzjoni ta' Ħamrija. Dan il-kodiċi bi tlett ittri għall fajl tad-*data* jikkonsisti f'żewġ (jew waħda) ittra jew ittri għall-Ħamrija, Weraq, Żieda, Deposizzjoni, Meteoroloġija jew Soluzzjoni ta' Ħamrija u waħda (jew tnejn) ittra jew ittri biex jindikaw Obbligatorji, ta' Għażla jew il-partijiet differenti ta' l-istima ta' żieda (Evalwazzjoni), stima ta' deposizzjoni (Arja) jew Meteoroloġija (Klima jew Ħsara)."

— It-3 formuli li ġejjin (XX1996.PSS, XX1996.SSM u XX1996.SSO) qed jiżdiedu:

— Formoli 3a u 3b huma mibdula bil-formoli 3a u 3b mehmużin.

— Fil-"Listi ta' Kodiċi għad-*data* ta' sorveljanza ta' postijiet permanenti ta' osservazzjoni li jridu jiġu mgħoddija lill-Kummisjoni" ser jiżdiedu l-partijiet li ġejjin:

— Ma' punt (1) Kodiċi tal-*pajjiż* it-3 kodiċi li ġejjin huma miżjuda:

"13 Sverige

14 Österreich

15 Suomi-Finland"

u wara punt 50:

"— Informazzjoni rigward is-sorveljanza tas-soluzzjoni ta' ħamrija

(51) *Numru tal-kampjun*

Il-kampjuni fil-post għandhom jiġu nnumerati b'mod permanenti (1-99).

(52) *Kodiċi tal-kampjun*

Il-kodiċi li ġejjin għandhom jintużaw għall-kampjuni ta' soluzzjoni ta' ħamrija:

1: Tensjoni *lysimeter*

2: Tensjoni Zero *lysimeter*

3: Ċentrifugazzjoni

4: Estrazzjoni ta' saturazzjoni

(53) *Fond tal-kampjun*

Il-fond tal-kampjun f'metri taħt il-wiċċ (eż. -0.40)

— Informazzjoni rigward is-sorveljanza tal-kundizzjoni tas-siġra

(54) *Kxif*

1 L-ebda kxif speċjali (post li qiegħed f'foresta ikbar bl-ebda jew bi ftit serħan)

2 Kxif limitat (post fejn tarf ta' foresta, f'niżla, eċċ.)

3 Postijiet li huma severament esposti (fuq l-uċuħ ta' muntanji, eċċ.)

(55) *Tneħħija u Mortalità*

Is-siġra nqatgħet u tneħħiet, u tħalla biss iz-zokk tagħha

11 użu maħsub, eż. traqqieq

12 użu għal raġunijiet biotiċi, eż. ħsara mill-insetti

13 użu għal raġunijiet abiotiċi, eż. fejn iwaddab ir-riħ

18 raġunijiet għall-għejbien mhux magħrufa

Is-siġra għadha wieqfa u ħajja, imma parametri kondizzjonanti ma' għadhomx jiġu stmati

21 siġra mxengla jew li tiddendel

22 qsim kbir fil-qurriegħa ('il fuq minn 50 % tal-qurriegħa) jew zokk maqsum

23 siġra ma' għadiex fil-klassi Kraft 1, 2 jew 3 (ma' japplikax għall-ewwel inventarju f'post)

29 raġunijiet oħra (speċifika)

Siġra mejta wieqfa

31 raġunijiet biotiċi, eż. attakk minn ħanfusa tal-qxur

32 raġunijiet abiotiċi, eż. nixfa, beraq

38 kawża tal-mewt mhux magħrufa

Siġar li waqgħu (ħajjin jew mejtin)

41 raġunijiet abiotiċi, eż. tempesta

42 raġunijiet biotiċi, eż. kastori

48 kawża mhux magħrufa

Noti:

— klassi 22 taplika biss f'dawk il-pajjiżi li ma' jirreġistrawx siġar b'iktar minn 50 % ħsara fil-qurriegħa

— klassi 23 tapplika biss f'dawk il-pajjiżi li jirrestrinġu kampjuni lill-klassijiet Kraft 1,2 u 3

(56) *Klassi Soċjali*

1 siġar predominanti (inkluż siġar li joqogħdu weqfin weħedhom) bil-qurriegħa ta' fuq li toqgħod wieqfa fuq il-livell ġenerali tat-tużell

2 siġar dominanti b' qurriegħat li jiffurmaw livell ġenerali tat-tużell

3 siġar ko-dominanti li jestendu fit-tużell u li jirċievu ftit dawl minn fuq imma iqsar minn 1 jew 2

4 siġar miżmuma b'qurriegħat taħt il-livell ġenerali tat-tużell, li ma jirċevux dawl dirett minn fuq

(57) *Kulur ta' qurriegħa*

1 qurriegħa affetwata sostanzjalment (kuluriti jew interazzjoni fiżika) fuq naħa waħda

2 qurriegħa affetwata sostanzjalment (kulurita jew interazzjoni fiżika) fuq żewġ naħat

3 qurriegħa affetwata sostanzjalment (kulurita jew interazzjoni fiżika) fuq tliet naħat

4 qurriegħa affetwata sostanzjalment (kulurita jew interazzjoni fiżika) fuq erba' naħat

5 qurriegħa li tikber miftuħa jew mingħajr evidenza ta' effetti ta' kulur

6 siġar miżmumin

(58) *Viżibilità*

1 qurriegħa shiħa li tidher

2 qurriegħa li tidher biss parzjalment

3 qurriegħa li tidher biss b'dawl minn wara (i.e. fil-profil)

4 qurriegħa ma tidhirx".

Formola 9a

XX1996.PSS

Kontenut ta' fajl tal-post imnaqqas li jintuża flimkien mal-miżuri ta' soluzzjoni ta' ħamrija

1 - 4	6 - 7	9 - 12	14 - 20	22 - 28	30- 31	33 - 35	37 -38	40	42	44 - 48	50 - 55	57 - 62	64 - 65	67 - - - - 77
Sekwenza	Pajjiż	Osservazzjoni tal-post #	Koordinazzjoni latitudinali (+ Ġ Ġ X X S S)	Koordinazzjoni lonġitudinali (+ Ġ Ġ X X S S)	Altitudni	Unità tal-ħamrija	Numru tal-Kampjun	Tip	Saff	Fond (m)	Data ta' l-bidu ta' l-ewwel perjodu (Ġ Ġ X X S S)	Data ta' l-għeluq ta' l-aħħar perjodu (Ġ Ġ X X Y Y)	Numru ta' perjodi	Osservazzjoniet
1														
2														
3														
4														
5														
6														
7														
8														
9														
1 0														
1 1														
1 2														
1 3														

Kolonna		Ara l-punt ta' spjegazzjoni #
1 - 4	Numru ta' sekwenza tal-postijiet (1 sa 9 999)	
6 - 7	Kodiċi tal-Pajjiż (Franza – 01, Belġju = 02, ecc.)	(1)
9 - 12	Numru ta' Osservazzjoni tal-Post	(2)
14 - 20	Latitudni fi + DD MM SS (e.z. + 50 58 52)	(4)
22 - 28	Lonġitudni fi (+ jew -) DD MM SS (e.z. +03 55 31)	(4)
30 - 31	Altitudni (fi klassijiet ta' 50 metru minn 1 sa 51)	(7)
33 - 35	Kodiċi ta' l-unità tal-ħamrija (101-253)	(10)
37 - 38	Numru tal-Kampjun (1-99)	(51)
40	Tip tal-kampjun (1 = Tensjoni *lysimeter*, 2 = tensjoni Zero *lysimeter*, 3 = Ċentrifugu, 4 = Estrazzjoni ta' saturazzjoni	(52)
42	Saff (H, O = Organiku, M = Minerali)	(21)
44 - 48	Fond tal-kampjun (f'metri taħt is-saff)	(53)
50 - 55	Data tal-bidu ta' l-ewwel perjodu (ĠĠ XX SS)	(38)
57 - 62	Data ta' l-għeluq ta' l-aħħar perjodu (ĠĠ XX SS)	(38)
64 - 65	Numru ta' (ugwali) perjodi ta' sorveljanza	(39)
Fl-aħħar kolonna rimarka dwar il-post tista' tiġi nkluża:		
67 - 77	Osservazzjonijiet oħra (kelma)	(12)

Formola 9b

XX1996.SSM

Kontenut tal-fajl tad-data b'miżuri ta' soluzzjoni ta' ħamrija (obbligatorju)

Num. ta' Sek.	Post ta' Osservaz-zjoni #	Perjodu	Num. tal-Kampjun	pH	K (mg/l)	Ca (mg/l)	Mg (mg/l)	$N\text{-}NO_3$ (mg/l)	$S\text{-}SO_4$ (mg/l)	Al (mg/l)	DOC (mg/l)	Osservazzjonijiet
1 - 5	7 - 10	12 -13	15 -16	18 - 20	22 - 26	34 - 38	34 - 38	40 - 44	46 - 50	52 - 56	58 - 62	64 - - - - 74
1				.	.	.	.	.	.	.	.	
2				,	,	,	,	,	,	,	,	
3				,	,	,	,	,	,	,	,	
4				,	,	,	,	,	,	,	,	
5				,	,	,	,	,	,	,	,	
6				,	,	,	,	,	,	,	,	
7				,	,	,	,	,	,	,	,	
8				,	,	,	,	,	,	,	,	
9 9 9 9 9	9 9 9 9	9 9	9 9	9 , 9	9 9 9 , 9	9 9 9 , 9	9 9 9 , 9	9 9 9 , 9	9 9 9 , 9	9 9 9 , 9	9 9 9 , 9	Valur massimu (***)

1 - 5	Numru ta' Sekwenza	Numru ta' sekwenza tal-kampjuni (1 sa 99 999)	
7 - 10	Numru ta' Osservazzjoni tal-post	Numru korrispondenti tal-post (mass. 9 999)	(2)
12 - 13	Perjodu	Numru tal-perjodu (mass. 99)	(40)
15 - 16	Numru tal-kampjun (*)	Numru tal-kampjun (ara fajl tal-post)	(51)

Parametri (**)

		Unitajiet
18 - 20	PH	
22 - 26	K	(mg/l)
28 - 32	Ca	(mg/l)
34 - 38	Mg	(mg/l)
40 - 44	$N\text{-}NO_3$	(mg/l)
46 - 50	$S\text{-}SO_4$	(mg/l)
52 - 56	Al(****)	(mg/l)
58 - 62	DOC	(mg/l)
64 - 74	Osservazzjoni	Kliem

(*) In-numru tal-kampjun huwa defenit fil-fajl tal-plot (PSS).

(**) Metodi u ħdim mill-ġdid li kienu wżati għandhom jiġu deskritti fid-dettal fl-anness mar-Rapport ta' Data Akkumpanjata fuq soluzzjoni ta' ħamrija.

(***) Valuri massimi kif msemmija fil-linja ta' taħt tat-tabella għandhom jiġu wżati kull meta l-valur attwalment reġistrat hu daqs jew għola mill-valuri massimi possibli f'dawn il-kolonni. Meta l-valur attwalment reġistrat hu taħt il-valur minimu li jkun jista' jiddaħħal, l-valur minimu għandu jiġi wżat. Fiż-żewġ każi, l-valur eżatt għandu jiġi rrapurtat jew fil-kolonna "osservazzjoni, jew bil-miktub fir-Rapport ta' *Data* Akkumpanjata. Jekk l-ebda kwantita ma tista' tiġi mkejla (i.e. taħt l-limiti ta' tkixxif) kodiċi speċjali – 1 (*minus* 1) jiġi wżat. Meta ma tkun saret l-ebda analiżi għal dan il-parametru, zero jew vojt għandu jiġi wżat.

(****) Mandatorju jekk pH < 5.

Formola 9 ċ

XX1996.SSO

Kontenut tal-fajl tad-data b'miżuri ta' soluzzjoni ta' ħamrija (fakultattiv)

Num. ta' Sek.	Post ta' Osserv-azzjoni #	Perjodu	Num. tal-Kamp-jun	Kondu-tività. (µS/cm)	Kontenut ta' ilma (cm^3/cm^3)	(Na) (cm^3/cm^3)	(Al-labilen) (mg/l)	Fe (mg/l)	Mn (mg/l)	P (mg/l)	$N\text{-}NH_4$ (mg/l)	Cl (mg/l)	Cr (µg/l)	Ni (µg/l)	Zn (µg/l)	Cu (µg/l)	Pb (µg/l)	Cd (µg/l)	Si (mg/l)	Alkalinità (µmolc/l)	Osservazzjonijiet
1-5	7-10	12-13	15-16	18-21	23-26	28-32	34-38	40-44	46-50	52-56	58-62	64-68	70-74	76-79	81-84	86-89	91-95	97-101	103-107	109-113	115-125
1					.	.	.	.	.	.	.	.	.	.				.	.	.	
2					,	,	,	,	,	,	,	,	,	,				,	,	,	
3					,	,	,	,	,	,	,	,	,	,				,	,	,	
4					,	,	,	,	,	,	,	,	,	,				,	,	,	
5					,	,	,	,	,	,	,	,	,	,				,	,	,	
6					,	,	,	,	,	,	,	,	,	,				,	,	,	
7					,	,	,	,	,	,	,	,	,	,				,	,	,	
8					,	,	,	,	,	,	,	,	,	,				,	,	,	
9 9 9 9 9	9 9 9 9 9	9 9	9 9	9 9 9 9 9	9 , 9 9	9 9 9 , 9	9 9 9 , 9	9 9 9 , 9	9 9 9 , 9	9 9 9 , 9	9 9 9 , 9	9 9 9 , 9	9 9 9 , 9	9 9 9 , 9	9 9 9 9	9 9 9 9	9 9 9 9	9 9 9 , 9	9 9 9 , 9	9 9 9 9 , 9	Valur massimu (***)

Kolonna			Ara l-punt ta' spjegazzjoni #
1–5	Numru ta' sekwenza	Numru ta' sekwenza tal-kampjuni (1 sa 99 999)	(1)
7–10	Numru ta' Osservazzjoni tal-post	Numru tal-post korrispondenti (mass. 9 999)	(2)
12–13	Perjodu	Numru tal-perjodu (mass. 99)	(40)
15–16	Numru tal-kampjun	Numru tal-kampjun (ara fajl tal-post)	(37)

	Parametri (**)	Unitajiet
18-21	Kondutività	(µS/cm)
23-26	Kontenut ta' ilma (ħruġ biss)	(cm^3/cm^3)
28-32	Na	(mg/l)
34-38	A1-labile	(mg/l)
40-44	Fe	(mg/l)
46-50	Mn	(mg/l)
52-56	P	(mg/l)
58-62	$N\text{-}NH_4$	(mg/l)
64-68	Cl	(mg/l)

	Parametri (**)	Unitajiet
70–74	Cr	(µg/l)
76–79	Ni	(µg/l)
81–84	Zn	(µg/l)
86–89	Cu	(µg/l)
91–95	Pb	(µg/l)
97–101	Cd	(µg/l)
103–107	Si	(mg/l)
109–113	Alkalinità	(µmolc/l)
115–125	Osservazzjonijiet	Kliem

(*) Metodi u ħdim mill-ġdid li kienu wżati għandhom jiġu deskritti fid-dettal fl-anness mar-Rapport ta' *Data* Akkumpanjata fuq soluzzjoni ta' ħamrija.

(**) Valuri massimi kif msemmija fil-linja ta' taħt tat-tabella għandhom jiġu wżati kull meta l-valur attwalment reġistrat hu daqs jew għola mill-valuri massimi possibli f'dawn il-kolonni. Meta l-valur attwalment reġistrat huwa taħt il-valur minimu li jkun jista' jiddaħħal, l-valur minimu għandu jiġi wżat. Fiż-żewġ każi, l-valur eżatt għandu jiġi rrapurtat jew fil-kolonna 'osservazzjoni', jew bil-miktub fir-Rapport ta' *Data* Akkumpanjata. Jekk l-ebda kwantita ma tista' tiġi mkejla (i.e. taħt l-limiti ta' tkixxif) kodiċi speċjali – 1 (*minus* 1) jiġi wżat. Meta ma tkun saret l-ebda analiżi għal dan il-parametru, zero jew vojt għandu jiġi wżat.

Formola 3a

XX1996.PLT

Kontenut tal-fajl bl-informazzjoni fuq livell ta' Post li ser jintuża ma' l-istima tal-qurriegħa

Sekwenza	6-7	9-12	14-19	21-27	29-35	37-38	40	42- - - -52
	Pajjiż	Nru ta' Osservazzjoni tal-Post	Data ta' l-istima (ĠĠ XX SS)	Koordinati Latitudinali (+ ĠĠ XX SS)	Koordinati Lonġitudinali (+ ĠĠ XX SS)	Altitudni	Kxif	Osservazzjonijiet
1								
2								
3								
4								
5								
6								
7								
8								
9								
10								

Kolonna		Ara l-punt ta' spjegazzjoni #
1–4	Numru ta' sekwenza tal-postijiet (1 sa 9 999)	
6–7	KodiċI tal-Pajjiż (Franza = 01, Belġju = 02, eċċ.)	(1)
9–12	Numru tal-Post (mass. 9 999)	(2)
14–19	Data ta' stima (ĠĠ XX SS)	(3)
21–27	Latitudni fi + DD MM SS (e.z. + 50 58 52)	(4)
29–35	Lonġitudni fi (+ jew -) DD MM SS (e.z. +03 55 31)	(4)
37–38	Altitudni (fi klassijiet ta' 50 metru minn 1 sa 51)	(5)
40	Kxif (1,2,3)	(54)
Fl-aħħar kolonna rimarka dwar il-post tista' tiġi inkluża:		
42–52	Osservazzjonijiet oħra (kelma)	

Formola 3b

XX1996.TRM

Kontenut tal-fajl bl-informazzjoni fuq livell ta' Siġra (Obbligatorju) li ser jintuża bl-istima tal-kundizzjoni tas-siġra

1-5	7-10	12-17	19-22	24-25	27-29	31	33	35	37-39	41	43- - - -53
Sekwenza	Nru ta' Osservazzjoni tal-post #	Data ta' stima (Ġ Ġ X X S S	Siġra #	Tnehhija Mortal	Speċi	Klassi soċ	Kulur tal-qurriegħa	Viżib.	Telf ta' weraq	Telf ta' kulur	Osservaz-zjonijiet oħra
1											
2											
3											
4											
5											
6											
7											
8											
9											
10											

Kolonna		Ara punt ta' spjegazzjoni #
1–5	Numru ta' sekwenza tas-siġar (1 to 99 999)	
7–10	Numru tal-post (mass. 9 999)	(2)
12–17	Data ta' l-istħarriġ f' ĠĠ XX SS (eż. 22 06 96)	(3)
19–22	Numru tas-siġra (kif immarkat waqt l-istallazzjoni)	(14)
24–25	Tnehhija u mortalità (10 sa 48)	(55)
27–29	Speċi (001 sa 199)	(15)
31	Klassi soċjali (1, 2, 3, 4)	(56)
33	Kulur tal-qurriegħa (1, 2, 3, 4, 5, 6)	(57)
35	Viżibbiltà (1, 2, 3, 4)	(58)
37–39	Telf ta' weraq (0, 5, 10, 15, 20,..., 95, 99, 100 %)	(16)
41	Telf ta' kulur (0, 1, 2, 3 ali 4)	(17)
43–53	Osservazzjonijiet oħra (kelma)	

ANNEX IV

"ANNEX VII B

DETALLJI GĦAS-SOTTOMISSJONI TA' INFORMAZZJONI TA' L-ISFOND DWAR IL-METODI TA' SORVELJANZA APPLIKATI U R-RIŻULTATI TA' L-EVALWAZZJONI/INTERPRETAZZJONI MIKSUBA FIL-LIVELL NAZZJONALI

I. **Rimarki Ġenerali**

Addizzjonalment għas-sottomissjoni tad-*data* minn sorveljanza intensiva tas-sistemi ekoloġiċi ta' foresta, Stati Membri għandhom jippreparaw u jissottomessu lill-Kummissjoni dokument b'informazzjoni ta' l-isfond dwar il-metodi ta' sorveljanza applikati (Rapport ta' *Data* Akkumpanjata, DAR) u rapport annwali dwar il-progress magħmul fl-interpretazzjoni/evalwazzjoni ta' riżultati fil-livell nazzjonali (rapport ta' progress annwali).

Id-DAR jikkonsisti f' żewġ partijiet: il-parti li tiddeskrivi l-metodi attwalment applikati tal-kampjuni, it-tagħmir użat, l-istima, l-analiżi, eċċ. (għall-dettalji ara paragrafu II.I) u l-parti dwar l-eċċezzjonijiet u disturbanzi li ma kienux mistennija (għall-dettaljati ara paragrafu II.2).

Stati Membri għandhom jissottomessu lill-Kummssjoni rapport kull sena dwar il-progress li sar fl-interpretazzjoni/evalwazzjoni tar-riżultati fil-livell nazzjonali, jibdew mill-1997 'il quddiem. Dan ir-rapport għandu jinkludi

— informazzjoni dwar l-akwisti taċ-Ċentru Nazzjonali Fokali (NFC) innifsu,

— deskrizzjoni (aġġornata) ta' l-istrateġija nazzjonali ta' evalwazzjoni,

— rapport fil-qosor tar-riżultati li nkisbu fuq il-livell nazzjonali, u

— informazzjoni dwar pubblikazzjonijiet li saru f'dan il-qasam fil-livell nazzjonali jew internazzjonali mill-NFC jew istituzzjonijiet oħrajn involuti.

Rakkomandazzjonijiet għall-interpretazzjoni u evalwazzjoni ta' riżultati fil-livell nazzjonali qed jingħataw hawn taħt fil-paragrafu III.

II. **Rapport ta' *Data* Akkumpanjata**

II.1 Parti mid-DAR li jiddeskrivi l-metodi attwalment użati, eċċ.
Din il-parti tad-DAR tiddeskrivi l-metodi attwalment applikati tal-kampjuni, it-tagħmir użat, l-istima, l-analiżi, eċċ. Id-dettalji li ġejjin qed jingħataw:

Inventarju/metodi ta' kampjuni

F'ħafna stħarriġ tas-sorveljanza ntensiva ta' sistemi ekoloġiċi ta' foresti hemm libertà kbira fl-għażla ta' tagħmir, fond ta' kampjuni, ħin, intensità ta' l-istħarriġ, eċċ. Id-dettalji tat-tagħmir attwalment applikati, il-fond attwali, ħin u frekwenza tal-istħarriġ/kampjuni għandhom ikunu msemmija. Kull meta jkunu ttieħdu kampjuni, dettalji dwar dawn il-kampjuni inkluż il-ħażna u trasport, għandhom jiġu speċifikati.

Kull miżuri ta' kontroll li ġew applikati għandhom jiġu deskritti fil-qosor.

Metodi ta' analiżi u kalkolazzjoni tar-riżultati

Fir-rigward ta' analiżi ta' kampjuni, dettalji ta' l-preparazzjoni ta' l-kampjuni u metodi applikati fl-analiżi għandhom jingħataw. Fil-biċċa l-kbira ta' stħarriġ, ċerti metodi għall-preparazzjoni u analiżi huma rakkomandati. Kull meta metodi differenti mill-metodi rakkomandati ikunu ġew applikati, dettalji eżatti ta' dawn il-metodi għandhom jingħataw inkluż il-possibilitajiet għall kalkulazzjoni (mill-ġdid) tad-*data* miġjiba. Miżuri ta' kontroll applikati (parteċipazzjoni f'testijiet fi ċrieki, eċċ.) għandhom ikunu deskritti fil-qosor.

Bħala bażi tad-deskrizzjoni tal-metodi, il-kwestjonarji DAR li ġew żviluppati mill-Istitut ta' Koordinazzjoni ta' Sorveljanza Intensiva tal-Foresta tal-Kummissjoni Ewropea, f'kollaborazzjoni mil-qrib maċ-*chairmen* ta' *panel* ta' esperti ta' l-ICP Foresti (UN/ECE), jistgħu jintużaw għall-deskrizzjoni ġenerali ta' l-istima tad-*data* L-informazzjoni mgħotija bl-għajnuna tal-kwestjonarji DAR tibqa' valida matul is-snin sakemm il-metodi applikati jinbidlu.

Attenzjoni speċjali għandha tingħata biex jiġu osservati u dokumentati bdil fil-metodi applikati għall-inventarju, trasport u analiżi. Differenzi reġjonali għandhom jiġu msemmija u spjegati fid-dettal sħiħ (eż. laboratorji differenti wżati għall-analiżi).

II.2 Parti mid-DAR li tittratta l-eċċezzjonijiet u disturbanzi lima kienux mistennija (DAR annwali)
Minbarra l-informazzjoni ġenerali dwar il-metodi deskritti billi jintuża' il-kwestjonarju DAR, il-problemi speċifiċi, eċċezzjonijiet, disturbanzi u problemi li jivvaliditaw d-*data* sottomessa kull sena, iridu jiġu deskritti.

Eċċezzjonijiet u disturbanzi

Sitwazzjonijiet eċċezzjonali u disturbanzi mportanti mir-rutina għandhom ikunu rapportati. Minbarra d-deskrizzjoni tal-metodi applikati għall-kampjuni, analiżi, eċċ., kif preżentati fil-kwestjonarji DAR, hemm bżonn ta' dokumentazzjoni tajba ta' l-eċċezzjonijiet, sitwazzjonijiet eċċezzjonali u disturbanzi Dawn ikunu dokumentati fir-rapport annwali DAR u sottomessi lill-Kummissjoni flimkien mad-*data* sottomessa.

Validazzjoni ta' data u ġestjoni ta' data

Il-proċeduri applikati għall-informazzjoni dwar kontroll ta' kwalita għandha tingħata, inkluż limiti ta' rifjut ta' *data* (spezzjonijiet plawsibli) kif ukoll il-proċeduri li ġew applikati biex jispezzjonaw il-konsistenza tad-*data* nazzjonali.

Meta jeżisti vojt fid-*data*, stimi bbażati fuq riżultati minn sorsi oħra jistgħu jsiru f'ċerti każi. Din d-*data* stmata ser tkun indikata u l-assunzjonijiet użati għandhom ikunu dokumentati b'attenzjoni.

III. **Rapport annwali dwar il-progress magħmul fl-interpretazzjoni/evalwazzjoni tar-riżultati fil-livell nazzjonali**

Dan ir-rapport jipprovdi informazzjoni dwar il-progress li sar fl-interpretazzjoni/evalwazzjoni tar-riżultati fil-livell nazzjonali. Għal l-interpretazzjoni/evalwazzjoni tar-riżultati fil-livell nazzjonali d-dettalji li ġejjin ser jingħataw:

Informazzjoni Ġenerali

Stati Membri għandhom jagħmlu evalwazzjoni u interpretazzjoni tas-sorveljanza ta' *data* fuq il-livell nazzjonali.

Stati Membri huma ħielsa li jiddeċiedu liema evalwazzjoni u interpretazzjoni issir fuq livell nazzjonali u rrapurtata lil-Kummissjoni. Madankollu, is-suġġerimenti li ġejjin ser jingħataw għal din l-evalwazzjoni:

Evalwazzjoni u interpretazzjoni ta' spezzjoni singolari

Kull meta riżultati minn spezzjonijiet antiki huma disponibbli għanda ssir prova biex jiġu determinati xejriet Ir-riżultati ta' stħarriġ singolari għandhom ikunu revisti u mqabbla ma' riżultati minn stħarriġ oħra (simili) li saru (fl-istess) reġjun/pajjiż. Differenzi u tixbiħ għandhom ikunu ndikati u meta japplika d-differenzi għandhom jkunu evalwati. Ukoll, *data* relevanti minn sorsi oħra, li tista' tispjega ċertu relazzjonijiet fil-parametri għandha tkun inkluża hawn fl-evalwazzjoni.

Evalwazzjoni integrata u interpretazzjoni

Meta jitlestew l-istħarriġ differenti, jinħolqu possibilitajiet għall-evalwazzjoni integrata. Fl-NFC, ir-riżultati kollha ta' stħarriġ u rapporti ta' evalwazzjoni huma miġbura. L-NFC għandha tikoordina l-evalwazzjoni integrata u l-interpretazzjoni tar-riżultati ta' stħarriġ differenti fil-livell nazzjonali.

Evalwazzjoni u interpretazzjoni tad-data esterna

Ir-riżultati misjuba ta' l-evalwazzjoni integrata u interpretazzjoni għandha tiġi reveduta u mqabbla ma' riżultati minn sorsi oħrajn. Differenzi u similaritajiet għandhom ikunu nnotati u spjegati kull meta huwa possibli.

IV. **Ħin għas-sottomissjoni tad-DAR u r-rapport dwar il-progress li sar fl-interpretazzjoni/evalwazzjoni tar-riżultati fil-livell nazzjonali.**

IV.1 *Ħin għad-DAR*

Il-kwestjonarju DAR għandu jitlesta u jiġi sottomess lill-Kummissjoni bl-ewwel sottomissjoni ta' *data*. Jekk il-metodi jiġu mibdula l-informazzjoni dwar it-tibdil għanda tiġi sottomessa. Il-parti tad-DAR li tikkonċerna d-deskrizzjonijiet ta' disturbanzi notati u eċċezzjonijiet għandhom jiġu sottomessi lill-Kummissjoni flimkien mad-*data* li tiġi sottomessa kull sena.

IV.2 *Ħin għar-rapport annwali dwar il-progess li sar fl-interpretazzjoni/evalwazzjoni tar-riżultati fil-livell nazzjonali*

Rapporti dwar progress fuq evalwazzjonijiet u interpretazzjonijiet li saru fil-livell nazzjonali għandhom jiġu mgħoddija lill-Kummissjoni qabel il-31 ta' Diċembru kull sena."

ANNEX V

"ANNEX X

METODI KOMUNI GĦAL-SORVELLJANZA TA' SOLUZZJONIJIET TA' ĦAMRIJIA FIL-POSTIJIET PERMANENTI TA' OSSERVAZZJONI

I. **Rimarki Ġenerali**

Sorveljanza ta' soluzzjoni tal-ħamrija tkun trid issir fuq ta' l-inqas 10 % tal-plottijiet permanenti ta' osservazzjoni. Huwa rakkomandat li soluzzjoni ta' ħamrija tkun sorveljata fuq postijiet fejn deposizzjonijiet huma wkoll sorveljati. Installazjoniji ta' apparat ta' soluzzjoni ta' ħamrija għandhom jiġu kompluti sat-30 ta' Ġunju 1998.

Dan l-Anness hu bbażat fuq rakkomandazzjonijiet tekniċi tal-*Panel* ta' Esperti fil-Ħamrija tal-UN/ECE Programm Kooperativ Internazzjonali dwar l-Istima u s-Sorveljanza ta' l-Effetti tat-Tniġġiż ta' l-Arja fuq il-Foresti (Foresti ICP). Qed issir riferenza għas-submanwal (1996) ppreparat minn dan il-*panel* ta' esperti.

II. **Inventarju tal-metodoloġija**

II.1 *Selezzjoni ta' lokalità kampjun*

Kampjuni ta' soluzzjoni ta' ħamrija għandhom jiġu installati viċin fejn l-istima tal-kundizzjoni tal-qurriegħa qed issir. Huwa rakommandat li l-'*lysimeters*' ikunu mqassmin bl-adoċċ jew b'mod sistematiku fuq il-post kollu avolja dan jista' jkun limitat bil-presenza ta' ġebel jew zkuk (mhijiex speċifikata distanza minn siġra) Minħabba d-disturbanzi fil-ħamrija, it-tensjoni zero '*lysimeters*' ma' għandhomx jiġu nstallati fil-parti ċentrali tal-post fejn il-parametri tas-siġra huma sorveljati. Għal raġunijiet prattiċi, jista' jintuża subpost rapreżentattiv. *Lysimeters* li diġa ġew installati jistgħu jinżammu, imma nstallazzjonijiet ġodda għandhom isiru skond kif propost hawn fuq.

II.2 *Il-fond ta' kampjuni*

Huwa rakkomandat li l-*lysimeters* ikunu nstallati f'fond fiss imma nstallazzjoni skond l-orizzonti hija wkoll aċċettata.

— Kolletturi ta' soluzzjonijiet ta' ħamrija

Huwa rakkomandat bis-saħħa li *lysimeters* ikunu mqiegħda ta' l-inqas f'fond doppju, i.e. wieħed fiż-żona tal-għeruq (fond rakkomandat huwa 10 sa 20 ċm) sabiex tintrebaħ vista fil-konċentrazzjonijiet ta' nutrijenti u elementi tossiċi viċin l-għeruq fini (skop 1) u wieħed taħt iż-żona ta' l-għeruq (fond rakkomandat hu ta' 40-80 ċm), biex jiġi stmat l-element maħruġ (skop 2). Huwa wkoll rakkomandat li t-tielet *lysimeter* jitpoġġa mmedjatament taħt is-saff ta' dak li jkun hemm ġo l-ħamrija.

— Kampjuni ta' ħamrija

Jekk metodi ta' estrazzjoni taċ-ċentrifugazzjoni jew ta' saturazzjoni huma wżati, is-saffi ta' ħamrija li ser jittieħdu bħala kampjuni huma dawk immsemmija fil-manwal tal-ħamrija: is-saff ta' dak li jkun hemm ġo l-ħamrija, 0 - 10, 10 - 20, 20 - 40 u 40 - 80 ċm. Selezzjoni jew aggregazzjoni ta' wħud mis-saffi jistgħu jsiru.

II.3 *Frekwenza tal-kampjuni*

F'postijiet fejn isiru programmi oħra ta' sorveljanza intensiva, eż. deposizzjonijiet u miżuri meteorologiċi, il-kampjuni tas-soluzzjoni tal-ħamrja għandha ssir darba fix-xahar jew kull ħmistax. F'każ ta' kampjuni tal-ħamrija li ġew segwiti minn estrazzjoni tas-soluzzjoni tal-ħamrija, erba' darbiet kull sena hu l-massimu minħabba l-proċedura distruttiva ta' kampjuni. Il-kampjuni jridu jittieħdu fl-istess xahar tas-sena.

II.4 *Trasport, ħażna jew preparazzjoni*

Il-kampjuni għandhom ikunu trasportati u maħżuna b'tali mod li tibdiliet kemikali jkunu minimizzati.

Friski (4 °C) u ħazniet imdallma ta' soluzzjoni ta' ħamrija fis-sistema *lysimeter* inaqqsu l-attività bijoloġika. F'ħafna każi, u speċjalment matul staġuni iktar kesħin, li żżomm il-flixkun imdallam hu biżżejjed. Jistgħu jintużaw preservattivi organiċi jew inorganiċi, imma dawn jistgħu ifixklu l-analiżi. Biex jitnaqqsu l-possibilitajiet ta' kambjamenti fil-kampjuni, is-soluzzjoni tal-ħamrija trid tinġabar mill-aktar fis possibli wara li jiġi applikat il-ġbid.

Trasport u proċeduri ta' ħażna (jinkludu l-perjodi ta' stennija) iridu jkunu rapportati. Fejn applikabbli l-problemi u devjazzjonijiet ta' dawn il-proċeduri għandhom ikunu rapportati fid-dettal.

Għad-determinazzjoni ta' traċċi ta' metall, partijiet tal-kampjun iridu jkunu trasportati għal-laboratorju fi fliexken maħsulin bl-aċidu.

Jekk jinġabru kampjuni ta' ħamrija, għandhom jinżammu friski f'basktijiet tal-plastik jew *polyethylene* u maħżuna f'4 °C sakemm issir ċentrifugazzjoni jew preparazzjoni ta' l-estratt tas-saturazzjoni. Ċentrifugazzjoni jew estrazzjoni għandha ssir fi żmien ġurnata (18-30 siegħa) wara l-ġabra tal-kampjuni tal-ħamrija.

II.5 *Sfond ta' Informazzjoni Ġenerali*

L-informazzjoni li ġejja trid tinġabar:

— numru tal-post,

— informazzjoni dwar il-kampjun (tip, fond),

— l-ewwel ġurnata tal-perjodu ta' sorveljanza,

— l-aħħar ġurnata tal-perjodu ta' sorveljanza,

— numru ta' perjodi (ugwali) ta' kejl fil-perjodu ta' sorvelljanza

II.6 *Metodi ta' Analiżi*

Fis-'submanwal dwar il-ġbir tas-soluzzjoni tal-ħamrija u analażi' ippreparat mill-*Panel* ta' Esperti tal-Ħamrija tal-Foresti ICP, il-metodi approvati għall-analiżi tal-parametri tas-soluzzjonijiet ta' ħamrija varji huma deskritti.

Huwa rakkomandat li l-metodi approvati jintużaw. Jekk metodi oħra (nazzjonali) huma applikati, tqabbil ta' l-analiżi tar-riżultati ser ikunu rapportati fid-dettal flimkien ma' preżentazzjoni tar-riżultati tal-analiżi. L-inventarju tas-soluzzjonijiet ta' ħamrija tal-foresta li jissorvelja jrid jiddistingwi bejn parametri obbligatorji u fakoltattivi (Ara lista hawn taħt).

Lista ta' parametri

Parametri	Unità	Mandatorja/Fakoltattiva
Kondutività	µS/cm	Fak.
pH		Man.
Alkalinità	µmolc/l	Fak. (jekk pH > 5)
DOC	mg/l	Man.
Sodju (Na)	mg/l	Fak ([1])
Potasju (K)	mg/l	Man.
Kalċju (Ca)	mg/l	Man.
Manjesju (Mg)	mg/l	Man.
Aluminju (total)	mg/l	Man. (jekk pH < 5)
Aluminju (labile)	mg/l	Fak.
Ħadid (Fe)	mg/l	Fak.
Manganese (Mn)	mg/l	Fak.
Fosforu totali (P)	mg/l	Fak.
NO_3 - N	mg/l	Man.
SO_4 - S	mg/l	Man.
NH_4 - N	mg/l	Fak. ([2])
Kloru (Cl)	mg/l	Fak. ([1])
Kromju (Cr)	µg/l	Fak.
Nikel (Ni)	µg/l	Fak.
Zingu (Zn)	µg/l	Fak. ([3])
Ram (Cu)	µg/l	Fak. ([3])
Ċomb (Pb)	µg/l	Fak.
Cadmium (Cd)	µg/l	Fak.
Silikon (Si)	mg/l	Fak.

Man. = Mandatorju Fak. = Fakoltattiva.
([1]) Meta l-estimi ikunu kkalkolati fuq bażi aċiduża huwa rakkomandat li jittieħed kejl.
([2]) F'żoni b'deposizzjoni NH għolja huwa rakkomandat li jittieħed kejl ta' l-NH_4 (fuq 20 kg NH_x għal ha kull sena).
([3]) Rakkomandat peress li dawn huma nutrijenti minuri.
L-Istati Membri huma ħielsa li janalizzaw iktar, kollha, jew parti tal-parametri fakoltattivi.

II.7 *Trasferiment ta' data*

L-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummisjoni din l-informazzjoni għall kull post f'forma *standard* (ara l-Anness VIIa, Formola 9a, 9b u 9ċ)."